**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' April, 2017

Rikors numru : 41/17 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-22 ta' Dicembru 1990 u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, J li twieled fit-13 ta' Frar 1992 u N li twieldet fit-23 ta' Settembru 11994;

2. Illi l-partijiet isseparaw nhar l-4 ta' Marzu 2011 u dan permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Katya Bezzina (kopja hawn annessa – Dok A);

3. Illi fl-imsemmi kuntratt, ir-ragel irrinunzja ghall-manteniment tieghu, filwaqt li l-mara ddekadiet mill-istess;

4. In oltre, fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, il-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja ta' Joanna, li sa dak iz-zmien kienet ghadha minuri, kellha tigi fdata f'idejn ir-Ragel, b'dana illi huwa kellu jaghmel tajjeb ghall-manteniment taghha u l-ispejjez kollha relatati mal-istess bint. Haga li huwa dejjem ghamel minghajr ebda diffikulta`;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Frar, 2017;

Semghet lill-intimata, prezenti fl-awla, tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Marzu 2011

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.